# ĦERBA

*(VILLA RUMANA)*

SUNETT

Lill-Prof. Sir T. Zammit
li kixifha.

Hemm, fejn iż-żerq tas-sema jbus il-ħdura
li tlibbes il-għoljiet ta' Għajn Tuffieħa,
hemm għadhom is-sisien li juru s-sura
li kellha darba dik id-Dar sabiħa:

għadu hemm il-mużajk li îd għajjura
għaddiet b'difrejha, kif is-Sengħa lħiħa
kienet titlob ta' Ruma; iżda miġbura
f'daħla mwarrba l-kusien ta' l-oħla fwieħa,

u l-Penati, il-kolonni, il-palm fil-qsari,
għaxqa waħdiena ta' xi Sidt kburija
minn dawk li Ruma kienet tnissel dari,

ma għadhomx hemm: għebet id-dama w ġidha:
bil-qegħda fuq il-ħerba mistoħbija
tidħak il-Mewt bl-arloġġ u l-minġel f'idha.

17/12/32. **Dun Karm.**

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel paġ. 112*

Il-Prijurat tar-Russia fit-tixlija li għamel kontra l-Gran Mastru Hompesch fl-aħħar semma b'isimhom lil dawk il-Kavalieri li kif deherlu kienu nies li *ikkonfoffaw kontra l-Ordni u "li għalhekk il-Gran Mastru kien messu neħħihom mill-karika tagħhom, il-għaliex id-destin ta' Malta kien imsensel ma' għemilhom.* Dawn il-Kavalieri li kien jafhom kulħadd, u saħansitra Hompesch, kienu: il-Prinċep Camillo de Rohan, Bosredon de Ransijat, Bardonenche, Tousard, is-segretarju Doublet u De Fay". Iżda fost dawn, wara li tgħarbel u tiġbor kollox, tnejn biss nistgħu ngħidu li kellhom x'jaqsmu fit-tixwix u konfofof li saru fi żmien Vassalli, u dawn huma t-tnejn imsemmijin mill-istess Vassalli, *jekk dawn (tarġa' tgħid) ġew tassew imsemmijin minnu.* Issa, sew il-Prinċep Camillo de Rohan kemm Bosredon de Ransijat stkarrew bil-miktub illi huma ma kienu mdeffsin bl-ebda mod fit-tixwix u qerq li sar kontra l-Ordni. Bosredon ma qagħadx jaħli wisq kliem fil-Prefazzjoni tiegħu tal-"Giornale dell'Assedio e Blocco di Malta". (1843) biex imieri dak kollu li ntqal fuqu. Huwa ma sarx jaf bil-Memorjal li ħareġ, f'Ġermania, Ferdinando Hompesch, u l-anqas bil-Protesta tal-Prijurat tar-Russia ħlief wara li l-Franċiżi kienu telqu minn Malta, mita huwa kien wasal Marsilja. Kontra dak li fuqu qal Hompesch, huwa isemmi biss dik il-biċċa ta' mita l-armata ta' Napuljun kienet nieżla l-art, fejn stqarr illi huwa bagħat igħid b'ittra lill-Gran Mastru illi hu telaq minn Teżorier ta' l-Ordni "*għax ir-rabta li kellu ma' l-Ordni kienet dik li jikkombatti t-Tork u mhux lill-pajjiżani tiegħu,*" fejn imaqdar ukoll lil Hompesch talli (ladarba deherlu li ma kellux iħalli lill-bastimenti ta' Napuljun jidħlu fil-Port) ma żammx iebes, iżda ċieda fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa fortizza hekk qawwija bħalma hi dik ta' Malta li setgħet, biex ingħid hekk, tilqa' ruħha biha infisha; għat-tixlijiet li sarulu mill-Prijurat tar-Russia (fejn semmewh bħala wieħed li mexxa lil Vassalli fil-konfeffa li dana għamel) Bosredon ma tniffes b'xejn, iżda fejn jidher li tawh il-ħtija, bħala traditur tal-Ordni għad-daħla tal-Franċiżi f'Malta. hu wieġeb illi "dak iż-żmien tad-daħla tal-Franċiżi f'Malta, ebda Kavalier russu ma kien hawn fil-post u għalhekk dawna kellhom joqogħdu fuq xiehda li ma kienx ta' min jemminhom. U biex iwettaq dan kollu, huwa stampa u ħareġ "Il Giornale dell'Assedio e Blocco di Malta" bl-Ittri u l-Memorjali bħala Appendiċi, fejn wera minn taħt li hu *kellu bosta prinċipji demokratiċi li bihom ma satax jaqbel ma' dawk ta' l-Ordni, iżda iva ma' dawk ta' Vassalli u tal-Partit Ġakbin.*